**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**2 ta' April, 2023**

# L-IMSALLAB

F'kull mument tal-istorja, il-Kurċifiss għandu messaġġ attwali. Fl-imgħoddi l-kurċifiss intuża bħala simbolu kważi politiku tar-rebħa tal-Kristjaneżmu. Mhux l-ewwel darba li l-conquistadores waħħlu salib fuq artijiet li għalihom kienu ġodda. Illum u f'dan il-mument tal-istorja, meta l-Ewropa tinsab fi gwerra, meta ħafna tilfu l-fiduċja fil-bnedmin li jmexxuhom, irridu nħarsu lejn is-salib u nagħtuh tifsiriet li jgħoddu għalina.



Il-Kurċifiss ifakkarna li Kristu miet għalina.
Il-Kurċifiss huwa ta' konsolazzjoni għal min bħal Kristu huwa msallab.
Il-Kurċifiss huwa sinjal tal-imħabba ta' Alla.
Il-Kurċifiss ifakkarna li rridu naċċettaw kulma jiġi għal wiċċna.
Il-Kurċifiss jgħidli li rrid indewwi l-feriti tal-oħrajn bl-ikbar rispett.
Kristu msallab jgħidli li l-ħajja bla intoppi ma teżistix.
Int li qiegħed taqra, agħmel dan l-eżerċizzju sempliċi: qum bilwieqfa u iftaħ idejk bħal ta' Kristu msallab fuq is-salib. Kif tħossok?
Tħossok mikxuf, vulnerabbli, quddiem xi ħadd li jkun miexi lejk. Kristu Msallab huwa dan kollu, għalik.
Ejjew nimxu mal-Imgħallem f'din il-Ġimgħa Mqaddsa biex nifhmu ftit iktar lilna nfusna u nagħrfu kemm iħobbna l-Kurċifiss.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA NADUR**
Il-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur jixtieq javża lil dawk kollha li ser jieħdu sehem fil-purċissjoni b'dan li ġej:
**TFAL:** It-tfal għandhom jinġiebu sabiex jilbsu għall-purċissjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-4:30pm u l-4:45pm. Iridu jkunu lebsin tights beige u żarbun iswed. Matul il-ħin li t-tfal ser ikunu fiċ-Ċentru Parrokkjali ser jintwerew film taħt il-ħarsien tal-ushers.
**PERSONAĠĠI:** Dawk kollha li ser jilbsu ta' personaġġi Bibliċi huma mitluba li jiġu sabiex jilbsu u jsirilhom l-irtokk fl-4:30pm fil-maħżen tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taħt iċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber.
**SULDATI:** Dawk kollha li ser jilbsu ta' suldati kemm Rumani kif ukoll Lhud għandhom imorru jilbsu l-kostum tagħhom fl-4:30pm fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku.
**KTAJJEN U SLALEB:** Dawk li se jġorru s-slaleb u jkarkru l-ktajjen għandhom imorru fid-Dar Luminaria fl-4:30pm. Ħadd m'għandu għalfejn iġib konfratija jew għata tal-wiċċ. Dawn ser ikunu provduti.
**REFFIEGĦA U FORĊINI:** Ir-reffiegħa u dawk tal-forċini tal-istatwi kollha għandhom ikunu l-knisja wara li tispiċċa l-funzjoni u mhux iktar tard mill-5:00pm. Ir-reffiegħa jiġu lebsin qalziet u żarbun iswed.
Tal-forċini għandhom jiġu lebsin qalziet, ġlekk u żarbun suwed u qmis bajda. Ingravata tal-purċissjoni ser tkun provduta u tingħata fil-knisja.

**L-AVVIŻI:**

**IĊ-ĊENA TAS-SINJUR FIL-MUSEUM SUBIEN NADUR:**
Il-ftuħ u t-tberik taċ-Ċena ser isir nhar is-Sibt 1 t'April fit-8:00pm; Ħadd il-Palm mid-9:30am sal-11:30am u mit-3:30pm sas-6:30pm; Mit-Tnejn sal-Erbgħa mis-6:00pm sad-9:00pm; Ħamis ix-Xirka mis-6:00pm sal-11:00pm; Il-Ġimgħa l-Kbira mid-9:30am sat-3:00pm u mis-7:30pm sad-9:30pm.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 3 t'April għand is-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Fl-4:30pm jibda r-Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm il-Quddiesa. Tħajjar u ħajjar oħra jattendu. Kulħadd huwa mistieden.

**GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA:** nhar it-Tlieta 4 t'April mis-1:00pm sal-5:00pm u l-Ħadd 9 t'April mit-8:00am sas-1:00pm.

**IL-MIXJA TAT-TBATIJA:** Via Sagra organizzata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru, nhar it-Tlieta 4 t'April fit-8:00pm fil-knisja.

**ĦINIJIET TAL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA TAS-SORIJIET:** il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka, 6 ta' April: 5:00pm. Se jkun hemm l-artal tar-repożizzjoni bl-Adorazzjoni sa nofsillejl. L-Adorazzjoni ta' Kristu Msallab, fil-Ġimgħa l-Kbira tibda fl-4:00pm.

**WERAQ AĦDAR GĦALL-ISTATWI:** il-Grupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jitlob lil min għandu weraq aħdar (bella donna, ivy, eċċ.) li jista' jintuża mal-fjuri għal mal-istatwi biex iġġibu dan il-weraq nhar it-Tnejn u t-Tlieta fis-sagristija tan-naħa tat-Tramuntana. Grazzi tal-għajnuna.

**BUQARI GĦAS-SEPULKRU:** għandna bżonn buqari għall-artal tar-repożizzjoni, jew kif inhuwa iktar magħruf, is-sepulkru. Nitolbukom iġġibuhom it-Tnejn u t-Tlieta li ġejjin.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; **7:00pm**
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am